



Inizjattivi ta' kumpaniji għal ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' kura għal tfal jew adulti b'diżabilità

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-ħidma tal-Eurofound dwar inizjattivi ta' kumpaniji għal ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' kura għal tfal jew adulti b'diżabilità. Ir-riċerka ffukat fuq inizjattivi li dawk li jħaddmu jistgħu jieħdu biex jappoġġjaw il-ħtiġijiet ta' ħaddiema li għandhom responsabbiltajiet ta' kura (informali), inkluż ġenituri li jieħdu ħsieb tfal b'diżabilitajiet u dawk li jieħdu ħsieb adulti li għandhom bżonn kura minħabba diżabilità, mard jew xjuħija.

Il-parti ewlenija tar-riċerka involviet studji ta' każijiet ta' 'kumpaniji' (li tirreferi għal dawk li jħaddmu fis-settur pubbliku jew dak privat) li implimentaw approċċi biex jappoġġjaw lil dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu. Il-politika tal-UE u tal-Istati Membri u l-kuntesti tad-djalogo soċjali ġew eżaminati wkoll, kif ukoll ir-riċensjoni u d-dejta statistika dwar it-tema tal-kura u x-xogħol.

Kuntest tal-politika

Mill-perspettiva ta' politika, l-interazzjonijiet bejn ix-xogħol u l-kura qed isiru aktar importanti fl-Ewropa, b'numru li dejjem jiżdied ta' xjuħ bi bżonn ta' kura flimkien mal-ħafna tfal u adulti mhux xjuħ b'diżabilitajiet u mard fit-tul li jirċievu kura informali. Is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' kura fit-tul teħtieġ kontribut estensiv minn dawk li jipprovdu kura informali, waqt li r-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u l-istili ta' ħajja u l-aspirazzjonijiet kontemporanji jinkoraġġixxu iżjed parteċipazzjoni ta' nisa fil-forza tax-xogħol.

Fejn dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu ma jkunux appoġġjati, x'aktarx li se jonqsu f'xi ħaġa – dawn jista' jkun li ma jkunux jistgħu jikkontribwixxu b'mod ottimali fuq il-post tax-xogħol, jistgħu jkunu inqas kapaċi jipprovdu l-ammont u l-kwalità ta' kura li jkunu jixtiequ, jew jista' jkun li jisforzaw lilhom infushom iżżejjed fl-isforz tagħhom biex jagħmlu t-nejn. Tabilħaqq, ħafna minn dawk li jipprovdu kura u li għandhom l-età biex jaħdmu jsibuha diffiċli biex jidhru f'impjeg bi ħlas. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji negattivi għalihom fuq perjodu

ta' żmien qasir u fuq perjodu ta' żmien twil minħabba konsegwenzi fit-tul ta' rtirar temporanju jew permanenti mis-suq tax-xogħol.

Sejbiet ewlenin

Uħud mit-tipi ewlenin ta' miżuri fuq livell ta' kumpanija biex jappoġġjaw lil dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu huma:

- provvedimenti relatati mal-lif;
- possibiltajiet ta' tnaqqis fis-sigħat;
- flessibilità tax-xogħol u aġġustamenti għax-xogħol;
- tqajjim ta' sensibilizzazzjoni u żvilupp tal-ħiliet fost il-manijers u l-forza tax-xogħol;
- miżuri ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol u benesseri;
- appoġġi relatati mal-kura, bħal pereżempju informazzjoni, pariri u appoġġ prattiku fir-rwol tal-kura.

Tħejjew aktar minn 50 studju ta' każijiet ta' inizjattivi ta' kumpaniji għal dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu, minn madwar il-11-il pajjiż parteċipanti – l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u r-Renju Unit. Temi ewlenin li joħroġu mill-każijiet jinkludu dawn li ġejjin.

It-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni hija ħafna drabi meħtieġa fi ħdan il-kumpaniji

Il-livelli ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-kwistjoni speċifika ta' dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu ħafna drabi jidhru li huma ħafna iktar baxxi minn dawk relatati ma' ġenituri li jaħdmu. Minħabba f'dan, sforzi biex titqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar il-kwistjoni ta'dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin

jaħdmu fost il-manigġers, superviżuri u persunal huma element importanti f'ħafna mill-każijiet.

Il-kumpaniji qed jipprovdu kemm appoġġ relatat max-xogħol kif ukoll appoġġ relatat mal-kura

Għalkemm l-approċċi li jiffukaw fuq miżuri relatati max-xogħol (lif, tnaqqis tas-siġħat u flessibilità tax-xogħol) huma l-aktar komuni, ħafna mill-każijiet jipprovdu wkoll eżempji ta' kif dawk li jħaddmu qed jipprovdu appoġġ relatat mal-kura (bħal pereżempju informazzjoni, pariri u appoġġi konkreti għall-ispejjeż ta' servizzi ta' kura jew biex wieħed isib servizzi ta' kura).

Kombinazzjoni ta' approċċi immirati u universali tidher speċjalment effettiva

Approċċi bħal dawn espliċitament jidentifikaw il-kura bħala sitwazzjoni importanti ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja li tista' tiġi esperjenzata mill-impjegati. Dawn jiżguraw li dawk li jipprovdu kura huma magħrufa u għandhom aċċess għal provvedimenti universali rilevanti għall-forza tax-xogħol. Dawn jipprovdu wkoll miżuri speċifikament orjentati lejn min jipprovdi l-kura għal ħtiġijiet li ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' dispożizzjonijiet iktar universali. Ħafna mill-każijiet juru kif dawk li jħaddmu rrikonoxxew ir-riżultat li kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegati għandhom x'jirbħu, meta jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' bilanċ xogħol-familja ta' dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu.

Ir-rwol ċentrali tal-manigġers tal-linja

Is-soluzzjoni tal-ħtiġijiet ta' kuljum ta' dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu, normalment isseħħ permezz ta' negozjar individwali mal-manigġers tal-linja. Għalkemm ir-reżistenza inizjali mill-manigġers tal-linja tidher li hi prevalenti, il-każijiet juru li din tista' tingħeleb permezz ta' sforzi biex titqajm is-sensibilizzazzjoni u biex manigġers tal-linja jiġu appoġġati u mgħammra biex iqisu l-ħtiġijiet ta' dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu.

Kwistjoni kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa

Minbarra li l-approċċi fuq livell ta' kumpanija dwar dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu jiġu relatati mal-politiki li huma relatati mal-ugwaljanza għan-nisa, bħal pereżempju li jiġi indirizzat il-fatt li n-nisa għandhom iktar ċans li japplikaw għal lif fit-tul u/jew li jesperjenzaw implikazzjonijiet negattivi fil-karriera tagħhom, uħud mill-każijiet jindikaw rikonoxximent dejjem jikber ta' kwistjonijiet ta' bilanċ kura-xogħol għall-irġiel.

L-evitar tat-tluq mix-xogħol / l-iffaċilitar tar-ritorn għax-xogħol ta' dawk li jipprovdu kura

Numru ta' każijiet juru li dawk li jħaddmu ilhom immotivati biex jipprovdu miżuri għal dawk li jipprovdu kura biex jgħinu ħalli jżommu l-impjegati, kif ukoll biex jevitaw il-ħtieġa li l-impjegati jieħdu lif fit-tul sakemm dan ma jkunx neċessarju. Fejn ikun ittieħed il-lif fit-tul, il-kumpaniji qed jagħmlu sforzi biex iżommu kuntatt ma' dawk fuq il-lif u biex jiffaċilitaw ir-ritorn tagħhom

għax-xogħol. Uħud mill-każijiet juru kif dawk li jħaddmu fi swieq tax-xogħol stretti jixtiequ jiżguraw li dawk li jipprovdu kura ma jkunux esklużi fi sforzi ta' reklutaġġ.

Indikaturi tal-politika

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali (permezz ta' negozjar kollettiv jew mekkaniżmi rilevanti oħra) iridu jimplimentaw miżuri effettivi jekk dawk li jipprovdu kura u fl-istess ħin jaħdmu jridu jiġu appoġġati b'mod wiesa' u konsistenti. Madankollu, peress li r-riċerka sabet diverġenza konsiderevoli fil-politika u l-prattika f'dan il-kamp madwar il-pajjiżi kollha koperti, l-UE u l-istituzzjonijiet tagħha għandhom rwol importanti fl-inkoraġġiment ta' dispożizzjonijiet usa' u aktar konsistenti madwar l-Istati Membri.

Ir-rapport jissuġġerixxi numru ta' oqsma ta' azzjoni ewlenin.

It-tiħiħ tad-dispożizzjonijiet tal-politika fuq livell tal-UE f'dan il-qasam

Referenzi eżistenti għall-politika jistgħu jsiru aktar konkreti u operattivi. Tista' ssir valutazzjoni tal-impatt tal-politika wiesgħa biex tingħata informazzjoni għal politika futura f'dan il-qasam. Jeħtieġ li jiġi żviluppatt approċċ koordinat u trasversali, li jintegra s-suq tax-xogħol, il-ħarsien soċjali, il-kura fit-tul u oqsma ta' politika rilevanti oħra.

Aktar attenzjoni mill-Istati Membri u fi proċessi ta' djalogu soċjali

Jistgħu jiġu promossi u appoġġati inizjattivi ta' tqajim ta' sensibilizzazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi ta' Prattika tajba.

Inizjattivi immirati direttament lejn min iħaddem

Il-partijiet interessati rilevanti fuq livell tal-UE u tal-Istati Membri (inkluż l-imsieħba soċjali u parteċipanti oħra bħal pereżempju l-assoċjazzjonijiet professjonali fir-riżorsi umani) jistgħu jiżviluppaw miżuri biex titqajjem sensibilizzazzjoni fost dawk li jħaddmu madwar l-Istati Membri.

Appoġġ għar-riċerka u tiħiħ tal-bażi ta' evidenza

Hemm bżonn ta' bażi ta' evidenza aktar b'saħħitha biex tingħata informazzjoni għall-politika u l-azzjoni f'dan il-qasam. Appoġġ għar-riċerka fuq livell tal-UE u tal-Istati Membri, it-tiħiħ tal-istatistika madwar l-UE, u l-kumpilazzjoni ta' kont komprensiv ta' politiki u attivitajiet attwali dwar din il-kwistjoni fl-Istati Membri jkun kollha utli ħafna.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport Inizjattivi ta' kumpaniji għal ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' kura għal tfal u adulti b'diżabilità huwa disponibbli f' <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1147.htm>

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil Teresa Renehan, ter@eurofound.europa.eu